MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Numru. 915/2012

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 3 TA' OTTUBRU 2013**

**SPETTUR CAROL FABRI**
**VS**
**SALEM ELAIDY**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Salem Elaidy, ta` 21 sena, iben Mansur, u Luran, mwieled Sfax fit-Tunesija, fit-08 t'April 1991, resident Tinda I6, Centru tat-tined, Hal Far, limiti ta` Zurrieq u detentur ta`

numru ta` referenza 13377/12 hekk kif moghti lilu mill-Kummissjoni Refugjati Malta

Talli;

1) Nhar is-6 ta’ Settembru 2012 ghall-habta ta` 20:20hrs gewwa Hal Far limiti ta z-Zurrieq bil-hsieb li jikkometti reat u cioe` offiza ta` natura gravi u permanenti fuq il-persuna ta` Dahir Abdirasul Ahbash, wera dan il-hsieb b`atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta` dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta` tieghu

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti ta` natura hafifa fuq il-persuna ta Dahir Abdirasul Ahbash hekk kif gie ccertifikat mit-tobba tal-isptar Mater Dei.

3) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li huwa kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew id-delitt ta` serq jew hsara lil propjeta`, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar arma regolari, imitazzjoni ta` arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari.

4) U aktar talli fl-istess datam hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu, jew taht il-kontroll tieghu, u kif ukoll zamm strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja mahruga lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ratilli l-imputat ma ressaq ebda provi in difesa;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat kien involut f'argument ma' Dahir Abdirasul Ahbash fis-6 ta' Settembru, 2012, u t-tnejn spiccaw b'feriti hfief fuqhom. Inghad izda li l-imputat kellu arma f'idejh u li biha kkawza l-feriti fuq il-vittma, u ghalhekk ittiehdu l-proceduri kontra tieghu.

Mill-provi prodotti jidher li huwa minnu li l-imputat ikkawza l-griehi li sofra l-vittma, izda jidher ukoll li l-imputat kellu jiddefendi ruhu fil-glieda li kienet qabdet bejniethom. Il-provi kollha rigward dan il-kaz jinsabu preservati fl-atti ta' inkjesta esebita f'dan il-process. Minn dawn jirrisulta car li l-griehi sofferti mill-vittma kienu ta' natura hafifa, hekk kif indika l-espert medico-legali Dr Mario Scerri fir-rapport tieghu a fol. 106 tal-process.

Ghalhekk, l-Artikolu applikabbli ghal dan il-kaz huwa l-Artikolu 221 tal-Kap 9 kif ikkwalifikat bl-Artikolu 217, u mhux l-Artikolu 218 kif gie indikat fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali. Ghal xi raguni, izda, l-Artikolu 217 ma giex indikat mill-istess Avukat Generali, u ghalhekk il-Qorti tista' tittratta biss il-ferita hafifa, li hija wahda minuri ghal dik gravi. Kwantu ghall-pussess ta' sikkina, din ma gietx kontradetta u ghalhekk il-Qorti tikkunsidraha bhala ppruvata.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 214, 215, 218(1)(a)(b)(2), 221, 17, 31, 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Filwaqt li ssibu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, qeda tillerbarah bil-kundizzjoni li ma jikkomentix reat iehor fiz-

zmien sena millum, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**ANTHONY J. VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------